u kemm wara l-gwerra kien li jwasslu messaġġ politiku. Dan il-messaġġ kien fundamentali fil-ħajja politika ta' pajjiżna. Minkejja li llum nilmentaw li f'Malta għandna mezzi tax-xandir maħkuma mill-partiti politiċi, min-negozjanti u l-Knisja Kattolika, fil-passat kellna ċirkostanzi simili.

3. Mistoqsija forsi ftit supplimentari, imma naħseb żgur hija l-kurżita' ta' ħafna hija marbuta mal-litteriżmu tal-poplu Malti. Il-parti kbira tal-poplu Malti kienet illitterata. Għaliex tħoss allura li kienu daqstant kruċjali l-gazzetti?

T. Kienu kruċjali għaliex ir-redifussion ma kienx għadu mifrux daqstant u ma kienx għadu daħal is-servizz tat-televiżjoni. Allura kien jifdal il-gazzetti. It-Times of Malta kellha s-suq tal-membri tas-servizzi militari Ingliżi, tal-Commonwealth (li minnhom kellna ħafna speċjalment fir-Royal Air Force) u oħrajn internazzjonali filwaqt li l-Berqa, li kienet tinbiegħ iktar mit-Times of Malta, kienet tinqara mill-Maltin. Prassi normali dak iż-żmien kienet li min kien jaf jaqra kien iwassal siltiet mill-gazzetti lil min ma kienx jaf u Allied Newspapers Ltd kienu jilmentaw li r-rapporti tagħhom kienu jiġu kkuppjati mis-servizzi ta' l-aħbarijiet tar-redifussion.

4. Il-karikatura kellha rwol importanti fil-ġurnali. Fil-ktieb titratta f'ċerta dettal ix-xogħol ta' Alfred Gerada fil-ġurnal "The Times". Meta bdew dawn il-karikaturi u kemm taħseb li kienu effettivi matul iż-żminijiet, u naturalment anke f'dan il-perjodu partikolari), biex iwasslu l-messaġġ tagħhom?

T. Biex norbot mat-tweġiba ta' qabel, karikatura setgħet tinftiehem anke minn min ma kienx jaf jaqra. Il-karikaturi ma bdewx b'Alfred Gerada meta faqqgħet il-gwerra imma ħafna qabel, imma jien iffukajt biss fuq żmien il-gwerra. Interessanti ħafna li naraw it-temi li jagħżel Gerada, meta per eżempju jqabbel il-qlubija ta' Malta matul it-Tieni Gwerra f'Malta mqabbla mal-Assedju l-Kbir tal-1565 jew meta jpinġi lill-pajżana Maltin u Għawdxin bħala r-raba' arma fid-difiża tal-fortizza flimkien ma' l-armata, ir-Royal Navy u l-RAF. Ma kinux jonqsu karikaturi li juru r-reżistenza ta' Malta Nisranija kontra l-għadu Nażi-Faxxista, li wħud minnhom kienu jnisslu anke tbissima. Karikaturi dwar politika partiġġjana lokali reġgħu feġġew biss wara l-gwerra.

5. Tema ewlenija meta nitkellmu dwar il-media u mhux inqas il-ġurnali hija Il-propoganda. Ma din hemm it-tgħawwiġ tal-verita'. Fil-ktieb insibu fost oħrajn kif il-karikatura fil-ġurnal The Times of Malta, qed nara ngħidu ana p.147, turi li Malta kienet fortizza b'saħħitha bizzejjed biex tiġġieled kontra l-għadu, li kif tejjeb inti ma kinex il-każ.

F'paġna 189 imbagħad ukoll iġġġib karikatura oħra ta' Gerada li turi d-determinazzjoni tal-Maltin wara dak li sar magħruf bħala l-Illustrious Blitz.

Għal benefiċċju tal-qarrejja tagħna dan kien fost l-agħar episodji fl-istorja, ngħid jien ta' pajjiżna fejn fl-1941 kellna l-ewwel attakki mill-ajru mill-forzi Ġermaniżi, l-Luftwaffe u għamlu ħerba sħiħa. Fost oħrajn ġew milquta sew il-Kottonera bl-Isla sa fejn naf jiena spiċċat ħerba kważi mal-ewwel jiem. Mill-banda l-oħra naraw f'dan il-ktieb l-attakk tal-organu tal-Knisja Leħen is-Sewwa kontra l-Bolxeviski. Xi rwol kellhom il-ġurnali biex iwasslu lill-qarrejja tagħhom l-aġenda tagħhom?

T. L-aġenda kienet waħda u s-sempliċi: li Malta ma ċċedix u tkompli titqabad sar-rebħa finali kontra l-għadu li kien qed jitfa' l-bombi fuqna u li anke wssal għall-mewt ta' Maltin li kien qed iservu mar-Royal Navy.

Għall-Maltin u l-Għawdxin dan kien ifisser li tgħix bil-miżerja li ttik il-Victory Kitchen, tixtri xi ħaġa żejda apparti li jtik ir-razzjon billi




tirrikorri għand black market fi prezzijiet oxxeni jew tibqa' bil-ġuħ, tgħix ġranet sħaħ fix-xelters, titlef darek, ħwejjġek u anke qraba u ħbieb, jew tinqabad bil-lieva.

Għall-Britanniċi Malta kienet tifisser iċ-ċavetta għat-taqbida fil-Mediterran u l-Lvan Nofsani, kif ukoll ir-rotta lejn l-imperu fl-Asja. Pero' kien hemm sfumaturi wkoll.

Il-Berqa, per eżempju, donna ma ħafret qatt lit-Taljani li bbumbardjawna wara ħafna paroli li t-Taljani ħutna u flok bombi se jitfgħulna l-fjuri. Kienet iktar voċifera mit-Times of Malta kontra l-hekk imsejħa 'quislings' Maltin, jiġifieri dawk il-Maltin b'simpatija lejn it-Taljani. Il-Berqa sal-piena tal-mewt talbet għal dawn il-Maltin.

Il-Leħen is-Sewwa taħt Herbert Ganado kienet pro Taljana u Faxxista imma ma kienx iniżżel lin-Nazisti kif jispjega l-istess Ganado għax ma kienx jaqbel mal-metodi vjolenti tagħhom mingħajr sens Nisrani.

Matul il-gwerra il-Leħen is-Sewwa inbidlet u saret iktar favur l-Ingliżi, u fl-1943 saret iktar konservattiva minn qatt qabel b'kampanja kontra t-tfajliet li jaħdmu ma' l-irġiel u kontra l-vot lin-nisa.

Ninnutaw però kif dil-gazzetta kienet tikteb kontra l-atei Bolxeviki Sovjetiċi speċjalment meta l-Unjoni Sovjetika attakkat il-Finlandja ,imma meta l-istess Unjoni Sovjetika spiċċat alleata tal-Ingliżi u l-Amerikani l-Leħen is-Sewwa intalbet biex ma tkunx aggressiva kontra pajjiż li issa kien sar alleat.

Din l-intervista tissokta fil-ħarġa li jmiss